MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 14 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 980/2002/1

**BIM Limited**

**vs**

**Schembri & Sons Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas ta’ Lm 926.90c (disgha mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u disghin centezmi) rappresentanti prezz ta’ ghamara mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta fuq inkarigu taghha stess kif jirrizulta mill-annessa kopja ta’ statement account mmarkata dok. A.

Illi s-socjeta’ konvenuta baqghet ma effettwatx il-hlas dovut minkejja li giet interpellata sabiex taghmel dan anki permezz ta’ ittra ufficjali datata 5 ta’ Jannar 2001.

Bl-ispejjes kollha inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali u bl-imghax

kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet kontumaci ;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjes u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**